**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Shaun Lee Grech**

**Illum 8 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Shaun Lee Grech ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin Carmelo u Josephine Anne neè Brincat, imwieled Pietà nhar is-16 ta' Awwissu 1993, residenti gewwa 19, Roma, Triq il-Bacir il-Gdid, Paola, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 374193(M), talli fit-30 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-16:30 hrs u nhar it-2 ta' Lulju 2020 ghall-habta tat-15:12hrs waqt li kien gewwa "Carters Supermarket", Triq Hal-Luqa, Paola:

a) Ikkometta serq ta' diversi fliexken tax-xorb, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-dannu ta' "Chain Super Markets" rapprezentat minn Pierre Mallia, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imputat sabiex jirretitwixxi lill-partijiet offizi kull haga minnu misruqa jew li hu kien xjentement laqa' ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti l-ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 15A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioè: (a) Il-kunsens ta' l-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta- Dok. "A"; (b) Il-personal details form ta' l-imputat - Dok. "B"; (c) Il-Fedina penali ta' l-imputat - Dok. "C"; (d) Rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz - Dok. "D"; (e) Mandat t'Arrest u Tfittxija mahruga fil-konfront ta' l-imputat - Dok. "E"; (f) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "F";

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, ammetta ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jirrikonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma inftehet l-ebda Inkjesta Magisterjali in konnessjoni ma' dan il-kaz u li l-valur ta' l-oggetti misruqa huwa ftit iktar minn hames mitt Euro (€500);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fit-30 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-16:30hrs u nhar it-2 ta' Lulju 2020 ghall-habta tat-15:12hrs, waqt li kien gewwa "Carters Supermarket" Triq Hal-Luqa, Paola, ikkometta serq ta' diversi fliexken tax-xorb, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-dannu ta' "Chain Super Markets" rapprezentat minn Pierre Mallia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 374193(M), u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ghandha ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza hekk dedotta fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fatt li l-imputat ghandu problema serja ta' droga u li fil-jiem li gejjin kien ser jidhol fi programm ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fuq bazi volontarja, kif ukoll il-fatt li in konnessjoni ma' dan il-kaz ma nfethet l-ebda Inkjesta Magisterjali u li l-valur ta' l-oggetti misruqa huwa ftit iktar minn hames mitt Euro (€500).

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu izda peress illi fil-fehma Taghha fil-kaz in ezami huwa iktar opportun li jkun hemm sorveljanza ta' l-imputat minn Ufficjal tal-Probation sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega ghall-fini li jeghleb il-vizzju tad-droga li ghandu, jigi prevenut l-ghemil ta' reati ohra, partikolarment reati ta' l-istess natura bhar-reat mertu ta' dawn il-proceduri, u fid-dawl tac-cirkostanzi

tal-kaz, inkluza ix-xorta tar-reat adebbitat lill-imputat u minnu ammess kif ukoll il-karattru ta' l-istess imputat, huwa iktar adatt li jinhareg Ordni ta' Probation fil-konfront ta' l-istess imputat, u ghaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tliet (3) snin mill-llum, liema Ordni qed isir taht dawk il-kudizzjonijiet imposti f'Digriet dwar Ordni ta' Probation moghti llum stess, liema Ordni qed jigi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet dwar Ordni ta' Probation moghti llum kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-imsemmija kondizzjonijiet u/jew rekwiziti ta' tali Ordni ta' Probation.

A tenur ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien mad-Digriet dwar Ordni ta' Probation moghti llum stess ghandu jigi komunikat lid-Direttur tal-Probation Services.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma nfethet l-ebda Inkjesta Magisterjali in konnessjoni ma' dan il-kaz u ma gew innominati l-ebda esperti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri.

In kwantu rigwarda t-talba tal-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 15(1)A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa evidenti li l-imputat m'ghandux mezzi minhabba l-problema tad-droga li ghandu u, minghajr ma timminimizza l-gravità ta' dak li ghamel l-imputat, il-Qorti, fic-cirkostanzi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

**MAGSITRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**